30 ta' Marzu, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Melanja Calleja et. *versus* Angiolina Cutajar

**Leġittima — Użufrutt — Rendita Vitalizja — Art. 658 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi tiddisponi illi meta jitħalla użufrutt jew renta vitalizja, u dawk li lilhom tmiss il-leġittima jkun jidhrilhom li l-valur ta' dak l-użufrutt jew renta vitalizja jaqbeż is-sehem tal-beni illi t-testatur seta' jiddisponi minnhom, huma jistgħu biss jagħżlu jew li joqogħdu għad-disposizzjonijiet tat-testment, inkella li jieħdu s-sehem li jmissħom bħala leġittima ħieles minn kull piż, billi jċedu lil dawk li lilhom ikun tħalla l-użufrutt jew renta vitalizja l-proprjetà sħiħa tas-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu.*

*B'din id-dispożizzjoni tal-liġi l-leġislatur ried jevita l-inċertezzi tal-*
*ċutatazzjoni ta' l-użufrutti u renali vitalizji, u ried li tkun b'hekk stabbilita regola uniformi fil-każijiet kollha.*
*Għaldaqstant il-kliem li jirrikorri f'dik id-dispożizzjoni, jiġifieri "jkun jidhrilhom li l-valur ta' dak l-użufrutt jew renta vitalizja jaqbeż is-sehem tal-beni illi t-testatur seta' jiddisponi minnhom", ma għandhomx jittieħdu fis-sens li tkun trid issir stima per mezz ta' periti biex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm dik l-eċċedenza bejn iż-żewġ valuri; imma għandhom jiftiehmu fis-sens illi l-leġittimarji jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' dik il-għażla jekk mill-kalkoli li huma jagħmlu jidhrilhom li jkun aktar vantaġġjuż għalihom li jagħżlu—kalkolu li huwa però mħolli għall-arbitriju tagħhom.*

L-Qorti, — Rat ic-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, billi fit-30 ta' April 1943, mietet f'Ħaż-Żabbar, Maria Cutajar, nanna ta' l-attur Edgardo Calleja u omm il-kontendenti l-oħra; u billi b'żewġ testmenti fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon tas-6 u tad-29 ta' Ottubru 1937, għalkemm l-imsemmija Maria Cutajar ħalliet lill-atturi kwint ta' l-eredità kull wieħed, għamlet diversi legati favur il-konvenuta u ħallietilha wkoll l-użufrutt ġenerali ta' l-assi kollu; u billi l-atturi ma jridux joqgħodu għal dawna t-testmenti billi jidhrilhom li huma leżivi għal-leġittima lilhom spettanti skond il-liġi; u billi l-konvenuta, għalkemm interpellata uffiċjalment, irrifjutat li tillikwida u tassenja bonarjament il-leġittima spettanti lill-atturi; (1) tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-imsemmija Maria Cutajar u Giovanni Cutajar, li tikkonsisti fis-sustanzi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (2) jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Maria Cutajar, konsistenti fil-kwota (nofs) mill-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata, fis-sustanzi indikati fin-nota annessa maċċitazzjoni (dok. D), u f'dawk li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (3) tiġi likwidata u assenjata l-leġittima spettanti lil kull wieħed u waħda mill-atturi (lill-attur Edgardo Calleja in rappreżentanza ta' ommu l-mejta Maria Calleja nee Cutajar), bil-frutti u l-imgħax skond il-liġi; u (4) jiġu, jekk ikun hemm bżonn, nominati periti ħalli jeffettwaw il-likwidazzjonijiet u l-assenjazzjonijiet meħtieġa, nutar biex jirċievi l-opportun kuntratt ta' assenjazzjoni tal-leġitti-

na. u kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Diċembru 1948, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-fattijiet u bażi tal-kwistjoni odjerna huma dawk li sejrin jiġu relatati: Maria mart Giovanni Cutajar, omm u rispettivament ava tal-kontendenti, għamlet żewġ testmenti............. Għal dana t-testment l-atturi ma riedux joqgħodu, u għamlu ċ-ċitazzjoni odjerna sabiex tiġi lilhom likwidata u assenjata l-leġittima. Għal liema talba l-konvenuta opponiet l-art. 658 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23, għax tgħid li l-atturi għandhom jippruvaw li l-valur ta' l-użufrutt jaqbeż is-sehem tal-beni li kienu disponibili mit-testatriċi;

Illi minn dana li ntqal jidher ċar illi l-kwistjoni hija kollha ta' indoli legali, u preċiżament ta' l-interpretazzjoni li għandha tiġi mogħtija lill-artikolu 658 tal-Kap 23, korrispondent għall-art. 319 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868;

Tikkunsidra;

Illi l-leġislatur, meta fl-ipotesi ta' l-artikolu fuq imsemmi, li tirrikorri fil-każ in diskussjoni, ta lill-leġittimarji d-dritt tal-għażla bejn l-alternativa jew li joqgħodu għat-testment jew li jieħdu l-leġittima libera u franka minn pižijiet, salvo li jħallu lil dawk li lilhom ikun ġie mħolli l-użufrutt jew ir-rendita vitalizja l-kumplament tal-beni in proprjetà, ċjoè l-proprjetà tal-beni disponibili, huwa ried jevita l-inċertezzi tal-valutazzjoni ta' l-użufrutt u rendita vitalizja, u ried li jkun bilhekk stabbilita regola uniformi fil-każijiet kollha;

Il-kliem "jekk jidhrilhom li l-valur ta' l-użufrutt jew rendita jeċċedi l-porzjoni tal-beni li minnhom it-testatur seta' jiddisponi minnhom" prima facie jinduċu n-neċessità ta' prova per mezz ta' periti; imma dik l-induzzjoni, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, mhix korretta, l-għaliex il-leġislatur akkorda dik l-alternativa lill-leġittimarji tar-renditi jew użufrutti bħala kapital likwidu. Din hija l-interpretazzjoni li tat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Depiro vs. Micallef ne." tat-28 ta' Novembru 1888 (Kollez. Vol. XII, paġ. 90, in ispeċje paġ. 91, kolonna 2). L-awturi mbagħad, għalkemm mhux kollha perfettament konkordi, jippropendu fil-maġġuranza għal dina

l-interpretazzjoni. Infatti l-Giordano, fil-komment tiegħu tal-liġi ċivili tad-Due Sicilie, dwar l-art. 833, sostanzjalment bħall-artikolu tagħna fuq imsemmi, igħid, wara li jagħti l-interpretazzjoni fuq imsemmija ta' l-artikolu "de quo agitur": "Quando non è necessaria la perizia, ma possono costoro (i riservatari) valersi del beneficio dell'articolo 833 (Codice Civile Due Sicilie), quante volte nel calcolare i loro interessi credono più vantaggioso per essi di abbandonare la proprietà della porzione disponibile, anzichè ritenerla col peso imposto" (ara wkoll il-Pacifici Mazzoni, Comm. al Codice, Successioni, Vol. IV, paragrafi 103 u 104, li huwa ta' l-istess opinjoni fuq dikjarata);

Illi huwa minnu li ċerti awturi, speċjalment Franċiżi, jirrikjedu l-prova tal-valur li jkun jeċċedi dik il-porzjoni disponibili — frażi li ġiet interpretata "porzjoni disponibili fl-użufrutt"; imma fil-każ preżenti, anki kieku l-Qorti kellha tippropendi għal dik it-teorija, ma kienx ikun hemm bżonn ta' dik il-prova, l-għaliex l-użufrutt universali mħolli lill-konvenuta fuq l-assi kollu tad-decujus ta' bilfors jeċċedi l-valur tal-parti disponibbli in użufrutt fil-każ preżenti, bħala li l-istess legat universali jinkludi l-assi kollu tat-testatriċi, tant mobiljari kemm immobiljari;

Illi kwindi, la darba jirriżulta li l-leġittima ta' l-atturi ġiet gravata bl-użufrutt imsemmi, u l-atturi mill-kalkoli tagħhom jidhrilhom li jkun aktar vantaġġjuż għalihom li jħallu l-proprjetà tal-porzjoni disponibili milli jżommuha b'dak il-piż impost mit-testatriċi — kalkolu li huwa fl-arbitriju tagħhom li jagħmlu — huma għandhom id-dritt jagħżlu t-triq li għażlu bir-regola stabbilita fl-artikolu msemmi mill-leġislatur, maħluq għad-dispensa ta' l-inċertezzi derivanti mill-istima ta' l-użufrutti u renditi vitalizji;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi preliminarment li l-atturi ma għandhomx għalfejn jippruvaw dak li riedet il-konvenuta fl-eċċezzjoni tagħha, li konsegwentement tiġi miċħuda; bl-ispejjeż ta' l-inċident għall-istess konvenuta; u tordna illi l-kawża tkompla fil-meritu.